ĦARĠA NUMRU 29 - REBBIEGĦA 2022

NEWSPAPER POST

# Nisġet artna

PUBBLIKAZZJONI MAĦRUĠA MILL-MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD, L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI



## IL-WERREJ

3 Messaġġ mill-Ministru
4 Il-Kultivazzjoni u l-Produzzjoni taż-Żebbuġ
6 Baġit 2021 – Viżjoni Komuni għal Ikel Lokali bi Produzzjoni b'Saħħitha u Sostenibbli
7 L-Ewwel Impjant f'Malta għat-Trattament tal-Prodotti Sekondarji tal-Annimali
8 It-Tiġieġ
10 Imniedi Programm Kulturali fil-Biċċerija
11 Inizjattiva biex Jingħabar l-Irkaptu Mitluf tas-Sajjieda
12 Progress Status Update tal-Politika Nazzjonali għall-Agrikoltura 2018-2028
14 Il-Monitoraġġ u l-BiedjaCam fl-Implimentazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni (PAK)
16 It-Tnedija tal-Kampanja 'Sajjar Frisk u Lokali'
17 Il-Kwoti Ġodda tas-Sajd Għas-Sena 2022
18 Avvenimenti organizzati mill-Proġett BLUEfasma
20 L-Istorja ta' Fonzu
22 Jinstab f'Malta il-Virus tat-Tristeza taċ-Ċitru (CTV)
24 SEA-EU-DOC – Opportunità għall-Istudenti li qed Jagħmlu Dottorat
26 Il-Friefet

## EDITORJAL

Għeżież qarrejja,

Hekk kif erġajna bdejna sena oħra ta' ħidma fi ħdan il-Ministeru huwa ta' pjaċir kbir għalija li ser taslilkom l-ewwel ħarġa ta' Nisġet Artna għas-sena 2022.

L-ewwel ftit xhur ta' din is-sena għaddew u rġajna wasalna għall-istaġun tar-rebbiegħa, staġun li jagħti l-ħajja lil diversi siġar u fjuri. Naraw il-kampanja timtela bi lwien differenti u t-temp sabiħ jibda jippermetti li nibdew ingawdu mixjiet fil-ġmiel tan-natura ta' madwarna. Hu tassew importanti li nirrispettaw il-kampanja u ndaħħluha f'moħħna li nnaddfu warajna kull fejn immorru sabiex kull individwu jkun jista' jgawdiha kif suppost.

Fil-qoxra ta' din l-edizzjoni nsibu ritratt tat-tiġieġa sewda Maltija. Din hija razza antika maħsuba li ilha teżisti mis-6 Seklu Q.K. Il-karatteristiċi tagħha jinkludu rix iswed, moxt aħmar rubin, u l-widnejn bojod.

Nixtieq minn hawn nistieden lilkom il-qarrejja ta' din il-pubblikazzjoni sabiex tibagħtu s-suġġerimenti tagħkom u forsi tagħtu ħjiel ta' suġġetti li huma ta' interess għalikom sabiex ninkluduhom fl-edizzjonijiet li jmiss. Dan tistgħu tagħmluh permezz ta' email fuq nisgetartna.mafa@gov.mt, tibagħtu messaġġ fuq il-paġna ta' Facebook 'Nisġet Artna', kif ukoll permezz tal-posta f'dan l-indirizz: Nisġet Artna, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Research and Innovation Hub, il-Marsa, MRS 3303.

Min-naħa tiegħi nixtieq nirringrazzja lil dawk il-kollegi kollha li jaħdmu kontinwament sabiex tkun tista' titwassal din ir-rivista fi djarkom. Nisperaw li din l-edizzjoni tkun ta' interess għall-qarrejja kollha u nsellmilkom.

Tislijiet,

**Estelle Bonello Sant**

Nisġet artna

**Pubblikazzjoni maħruġa mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali**
**Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni • Agriculture Research and Innovation Hub L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303**




Ritratt meħud minn Neville Sultana

*Editur*
Estelle Bonello Sant

*Qari tal-provi*
Proofreading Malta

*Kontributuri*
Ian Sammut
Nathalie Spiteri D'Amato
Philip Camilleri
George Farrugia
Karl Mintoff
Malcolm Vassallo
Anthea Mifsud
Judy Cassar
Alice Anne Steer
Claudia Cutajar
Andre Sciberras
Matthew Laspina
Neville Sultana
Simone Galea

*Stampar*
Government Printing Press

*Disinn*
Salesian Press

GOVERNMENT Printing Press

Salesian PRESS QUALITY PRINTERS

# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU



Sena ġdida ġġib magħha sfidi u opportunitajiet ġodda. Fi ħdan il-Ministeru tagħna qegħdin inħarsu lejn din is-sena b'ottimiżmu hekk kif quddiemna għandna xhur ta' ħidma bla waqfien sabiex inkomplu nwettqu l-ħolm u l-ambizzjonijiet tas-setturi li nirrappreżentaw bl-għan li nkomplu nindirizzaw l-isfidi u nfittxu opportunitajiet ġodda.

Matul din is-sena, il-Gvern ivvota budget konsiderevoli li, flimkien mal-akbar investiment ta' Fondi Ewropej, ser inkunu qegħdin inwettqu għadd ta' proġetti li l-għan ewlieni tagħhom huwa s-sostennibbiltà tal-agrikoltura u s-sajd f'Malta.

Illum, aktar minn qatt qabel, irridu naċċertaw li l-prodott offrut fis-suq mill-bidwi, mir-raħħal u mis-sajjied Malti, jilħaq id-domanda tal-konsumatur filwaqt li nħarsu kif naddottaw prattiċi ġodda li jistimulaw il-bejgħ fis-suq lokali u, għaliex le, dak internazzjonali.

Irridu naħsbu 'l hinn mill-mod ta' kif ħsibna u ħdimna fis-snin preċedenti, mhux għaliex dak li sar neċessarjament hu ħażin, iżda għaliex ninsabu fi żmien fejn irridu naġġornaw mal-bidliet kontinwi u mgħaġġla li qed inħabbtu wiċċna magħhom. Il-mod ta' kif il-konsumatur sar jaħseb u jaġixxi qiegħed jinbidel b'mod kontinwu u għalhekk il-produttur irid jaċċerta li jaġġorna ma' dawn it-talbiet. Fl-istess waqt irridu nsaħħu l-impenji tagħna fil-promozzjoni, għaliex l-għajta tibqa' dejjem nofs il-bejgħ.

Fassalna pjan, u aġixxejna fejn kien hemm bżonn. Issa rridu nissoktaw bl-implimentazzjoni ta' dak li fassalna. L-Aġenzija Maltija għall-Ikel ser tkun qed tilgħab irwol importanti bl-għan li jiġu addottati prattiċi ġodda u nżewġu aktar dawn is-setturi mat-teknoloġija. Ma rridux nibżgħu mill-bidla, wisq inqas mill-ambizzjoni, u għalhekk ser naċċertaw li kull ċenteżmu vvotat għas-setturi li nirrappreżentaw ser jiġi investit bl-aħjar mod possibbli permezz ta' skemi li jagħmlu sens u proġetti innovattivi li qed jitfasslu u oħrajn diskussi mal-imsieħba kollha.

Ser inkomplu naħdmu sabiex il-bdiewa, is-sajjieda u r-raħħala jkollhom l-għodod neċessarji, l-għajnuna li hemm bżonn u l-ispazju addattat. Minkejja l-isfida taċ-ċokon ta' pajjiżna, dak li għandna importanti nużawh tajjeb u kif inhu xieraq.

Is-sostennibbiltà ser tkun prijorità. Din għalina mhijiex biss kelma sabiħa, iżda twemmin li nħaddnu. Nixtiequ li l-biedja u s-sajd isiru aktar sostenibbli sabiex il-familji li jgħixu minn dan ix-xogħol jieħdu dak li ħaqqhom u l-katina tal-ikel f'Malta tibqa' tissaħħaħ. L-ikel mhuwiex biss dak li jasal fil-platt, iżda katina sħiħa li toffri sens ta' identità u opportunità ekonomika.

Ma rridx ninsa l-qasam tal-ħarsien tal-annimali, fejn f'dawn l-aħħar xhur saret ħidma kbira fit-tisħiħ tas-servizzi u l-promozzjoni favur il-ħarsien tal-annimali. Bl-għan li nindirizzaw il-popolazzjoni eċċessiva ta' qtates u klieb fil-gżejjer tagħna, il-Gvern ikkommetta budget għan-neutering tal-qtates stray. Is-santwarji huma mimlijin u għalhekk, jekk inti biħsiebek iġġib pet ġdid bħala membru tal-familja tiegħek, adotta mhux tixtri.

Is-sena 2022 għalina mhijiex biss sena oħra, iżda sena fejn matulha kommessi li nwettqu pjan ta' ħidma li jħalli marka notevoli fis-settur agrikolu u marittimu, kif ukoll insaħħu iktar id-drittijiet tal-annimali f'pajjiżna.

Tislijiet sinċiera,

Anton Refalo

*Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali*




# IL-KULTIVAZZJONI U L-PRODUZZJONI TAŻ-ŻEBBUĠ

*Artiklu ta': Ian Sammut – Uffiċjal Agrikolu*
*Nathalie Spiteri D'Amato – Uffiċjal Agrikolu Anzjan • Philip Camilleri – Uffiċjal Xjentifiku*

Tul dawn l-aħħar snin, fil-kampanja Maltija, it-tħawwil tas-siġar taż-żebbuġ kompla jiżdied ferm. Dan tħawwel kemm b'mod ornamentali u bħala passatemp, kif wkoll b'mod iktar professjonali għall-kultivazzjoni taż-żebbuġ tal-għasir. B'mod inqas prominenti, jitkabbar ukoll għadd ta' siġar taż-żebbuġ għall-mejda.

L-ammont ta' art dedikata għas-siġar taż-żebbuġ, kif ukoll id-domanda li hawn għaż-żejt taż-żebbuġa lokali xprunaw lid-Direttorat tal-Agrikoltura biex jirrikonoxxi u jinvesti iktar fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa li dejjem qed jikber u huwa importanti immens fil-kuntest tal-biedja lokali.

Fejn jidħol żebbuġ, prinċiparjament id-direttorat jaħdem fuq:

1. Servizzi lill-kultivaturi taż-żebbuġ
2. Kontrolli relatati mal-għasir taż-żebbuġ
3. Riċerka u żviluppi ta' metodi ġodda

## SERVIZZI LILL-KULTIVATURI TAŻ-ŻEBBUĠ – AGRICONNECT

Fi ħdan id-direttorat, l-AgriConnect għaddejja b'ħidma kontinwa dwar ir-reġistrazzjoni ta' żebbuġ, kemm dawk li ilhom imħawla fl-għalqa u dawk ġodda. Dan l-eżerċizzju tħejja sabiex jiġi identifikat l-ammont reali ta' kemm hawn siġar taż-żebbuġ fil-gżejjer Maltin. Din ir-reġistrazzjoni hi bbażata fuq il-varjetà tas-siġar, id-data tat-tħawwil, id-distanza bejn kull siġra u kull radda tas-siġar taż-żebbuġ u l-arja li fiha huma mħawla, skont kif inhuma reġistrati fis-sistema tal-LPIS fl-IACS. Informazzjoni utli li tinġabar mill-bidwi hi jekk dawn is-siġar humiex għall-produzzjoni taż-żejt jew humiex żebbuġ tal-mejda. Kwalunkwe reġistrazzjoni taż-żebbuġ issir biss għall-għelieqi li huma rreġistrati fis-sistema tal-IACS.

Għal aktar informazzjoni dwar l-andament tar-reġistrazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ l-Agri Connect jista' jiġi kkuntattjat fuq in-numri: 21804981/2/4 jew 22926163 jew inkella permezz tal-email: agriconnect.mafa@gov.mt.

## KONTROLLI RELATATI MAL-GĦASIR TAŻ-ŻEBBUĠ

Id-Direttorat tal-Agrikoltura jirregola l-għasir taż-żebbuġ u joħroġ liċenzji apposta għal min jagħsar iż-żebbuġ. Għalhekk id-Direttorat tal-Agrikoltura jagħraf lil min ikabbar iż-żebbuġ kif ukoll lil min jagħsar iż-żebbuġ u jipproduċi ż-żejt.

Dawk kollha li jkabbru s-siġar taż-żebbuġ huma obbligati li jissottomettu l-formula tal-harvest declaration sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru ta' kull sena. Mal-formola jridu jiġu ppreżentati wkoll l-irċevuti kollha taż-żebbuġ li twassal għand l-għassar jew li ġie mibjugħ għat-tagħsir. Dan jista' jsir permezz ta' formola elettronika Dikjarazzjoni tal-Ħsad Annwali taż-Żebbuġ (gov.mt) jew direttament ġewwa l-uffiċċji tal-AgriConnect.

Għal min jagħsar iż-żebbuġ, ta' kull sena huwa obbligat li japplika biex iġedded il-liċenzja tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa. Dan jista' jsir permezz t'applikazzjoni fuq formola elettronika LiċenzjaKummerċjaliGħall-Produzzjonitaż-Żejttaż-Żebbuġa (gov.mt) kif ukoll tista' tiġi sottomessa fl-uffiċċji tal-AgriConnect.

## RIĊERKA U ŻVILUPPI TA' METODI ĠODDA

Il-varjetajiet taż-żebbuġ jinqasmu fi tliet kategoriji prinċipali: dawk li jittieħdu għall-produzzjoni taż-żejt, dak li jinżamm bħala żebbuġ frisk jew żebbuġ li jintuża għat-tnejn li huma. Normalment, għall-produzzjoni taż-żejt jintuża żebbuġ żgħir, filwaqt li l-kbir jintuża għall-konsum. Fost l-1,500 varjetà taż-żebbuġ li teżisti, f'Malta nsibu għadd ta' varjetajiet fosthom dawk lokali: il-Bajda u l-Bidni.

Permezz tal-AgriHub qed isir proġett ta' riċerka u żvilupp tal-aħjar metodi u prattiċi għall-immaniġġjar tal-imsaġar taż-żebbuġ għall-produzzjoni. Nafu li fl-imsaġar taż-żebbuġ m'għandux isir ħart għaliex tista' ssir ħsara fl-għeruq tas-siġar u jkun qed jiġi mistieden il-mard, speċjalment dak tal-moffa. Iżda apparti hekk qed isir studju fuq prattiċi oħra tajba li hemm bżonn jiġu adattati, fosthom żabra tajba u mmirata favur produzzjoni tajba kull sena, kontroll tajjeb tal-mard u kontroll ta' parassiti taż-żebbuġ.

F'dan ir-rigward, bħalissa qed issir riċerka kif wieħed jista' jipprevjeni d-danni tad-dubbiena taż-żebbuġ, *Bactrocera oleae*, liema dubbiena tbid fuq il-frotta u twassal għas-sintomu prinċipali ta' taħsir il-frotta. Dan qed isir permezz ta' nases li huma avvanzati u mgħammrin b'teknoloġija moderna b'tali mod li jkunu kemm jista' jkun indipendenti mingħajr ħafna interventi mill-bniedem. Il-kunċett bażiku ta' dawn in-nases huwa wieħed simili bħal dawk tradizzjonali fejn ikun hemm il-preżenza tal-feromoni li huma rwejjaħ li l-insett kapaċi jxomm u jiġi attirat lejhom, u b'hekk jinqabad ġon-nassa. Id-differenza bejn in-nases tradizzjonali u dawn li qed jintużaw fir-riċerka hija li huma mgħammrin b'diversi apparat li kapaċi jagħmlu l-moniteraġġ tal-insett li nixtiequ ħafna aktar faċli u bi preċiżjoni kbira. Dan għaliex, dawn in-nases huma mgħammrin b'kamera li ta' kuljum, tiġbed ritratt tal-folja bil-kolla fejn ikun hemm l-insett maqbud, u r-ritratt jittella' fuq pjattaforma u b'hekk il-persuna li qed tħaddem din in-nassa tista' tara r-ritratti kemm tal-lejl preċedenti, kif ukoll ta' qabel, minn ġewwa l-uffiċċju u minn kullimkien permezz tal-internet. Permezz ta' algoritmu speċifiku, il-programm, kapaċi wkoll jgħodd kemm inqabdu insetti kull lejl. Intant, il-programm kapaċi jbassar u jindika bejn wieħed u ieħor kemm hija allarmanti s-sitwazzjoni tal-insett partikolari. Dan jista' jkun ta' benefiċċju kbir għall-bidwi fil-moniteraġġ tiegħu kontra dan l-insett u għalhekk ikun jista' jfassal strateġija aktar għaqlija biex iwassal il-prodott tiegħu sas-suq. Dawn in-nases huma kapaċi jkejlu wkoll diversi parametri fosthom it-temperatura u l-umdità. Biex tkun tista' titħaddem din it-teknoloġija kollha ġol-għalqa, in-nases huma armati bil-pannelli solari u n-nassa tibqa' taħdem lejl u nhar. Ċerti parametri tal-ħamrija li wkoll qed naraw huma l-umdità, it-temperatura, u l-imluħa fil-ħamrija. Dawn in-nases jiġġeneraw data li ser tintuża sabiex jitfasslu dawn il-metodi ta' prattiċi tajba msemmija iktar 'il fuq.

Permezz ta' kollaborazzjoni mac-CIHEAM (Centre International de Hautes études agronomiques méditerranéennes), id-Direttorat ospita żewġ esperti taż-żabra taż-żebbuġ f'Marzu li għadda sabiex iħarrġu l-impjegati tad-Direttorat fuq iż-żabra taż-żebbuġ bil-metodu *Vaso Policonico*. Din iż-żabra hija addatta għall-imsaġar b'densità għolja, għaliex is-siġar jinżammu iktar kumpatti. Vantaġġ ieħor ta' din is-sistema hi li, ladarba dawn is-siġar ġew iffurmati, iż-żabra fis-snin konsekuttivi tkun verament minuri, bir-riżultat li l-produzzjoni bejn sena u oħra tvarja ħafna inqas minn kemm tvarja bil-metodi ta' żbir oħrajn. Dan il-metodu ġie addattat b'suċċess fil-masġar taż-żebbuġ li jinsab l-Għammieri fejn wieħed jista' jżuru biex jinforma ruħu aħjar.






# BAĠIT 2021 – VIŻJONI KOMUNI GĦAL IKEL LOKALI BI PRODUZZJONI B'SAĦĦITHA U SOSTENIBBLI

Bit-tema "Malta li rridu għal Uliedna" il-Ministru Anton Refalo tkellem dwar il-Baġit 2022 u enfasizza fuq it-tfassil ta' numru ta' miżuri li jorbtu mat-tema komuni ta' kif se naslu għal katina ta' produzzjoni ta' ikel lokali aktar b'saħħitha u sostenibbli.

Sar investiment fis-sistemi ta' kontroll u fil-faċilitajiet biex il-prodott Malti jinbiegħ skont standards tas-suq ogħla, biex nikkumbattu l-frodi fil-bejgħ, u biex tinkiseb distinzjoni permezz ta' marki ta' kwalità u ċertifikazzjoni.

Il-Ministru Refalo tkellem dwar il-fatt li se jinħarġu inċentivi biex aktar raba' jinħadem imma fl-istess ħin jintlaħqu l-miri tal-istrateġija *Farm to Fork*. Tkellem ukoll dwar miżuri oħra li huma ppjanati għax-xhur li ġejjin u li se jorbtu mal-ħidma li diġà kienet għaddejja fil-qasam tal-ikel biex jibqgħu għaddejjin l-inċentivi u l-iżvilupp sabiex titfassal viżjoni komuni għall-katina tal-ikel li tkun ibbażata fuq ir-realtajiet u l-isfidi li jikkaratterizzaw is-sigurtà tal-ikel f'pajjiżna. Bħala parti mill-proċess ta' żvilupp ta' politika nazzjonali għall-ikel se titfassal strateġija u pjan ta' azzjoni dwar il-produzzjoni organika f'Malta.

Għall-ewwel darba, fil-baġit ġew allokati €125,000 għan-neutering ta' qtates stray sabiex jgħin fit-tnaqqis tan-numru ta' qtates li jitwieldu fit-toroq u li sfortunatament jispiċċaw morda jew inkella agħar. Se tiġi esplorata fid-dettall il-fattibbiltà li jitwaqqaf ċentru ta' rehoming mill-aktar modern u avvanzat, b'investiment fl-iżvilupp ta' Strateġija Nazzjonali għall-Ħarsien tal-Annimali.

Is-sajjieda Maltin u Għawdxin se jkollhom l-aħjar infrastruttura sabiex kemm jista' jkun jiġi ffaċilitat xogħolhom. Wara l-investimenti li saru fi skallijiet, f'faċilitajiet tajbin għall-ħatt tal-ħut, f'restawr tal-Winch Rooms u kif ukoll f'uffiċini reġjonali bħall-Imġarr Għawdex u Marsaxlokk, issa se titjieb l-infrastruttura permezz ta' proġett nazzjonali ta' installazzjoni ta' pilastri li jipprovdu l-ilma u l-elettriku. Dan il-proġett mistenni jolqot b'mod pożittiv lis-sajjieda f'diversi komunitajiet fosthom il-Marsa, Wied il-Għajn, Birżebbuġa u ġewwa Għawdex.

Qed isir titjib u manutenzjoni kontinwa fil-binja tal-pitkalija biex dejjem jiġi aġġornat il-post kif jixraq, post li minnu joħrog l-ikel għall-konsumatur. Dan dejjem sar b'konsultazzjoni sħiħa mal-għaqdiet tal-bdiewa biex flimkien mat-tmexxija tal-aġenzija nilħqu l-għanijiet tal-ħidma tal-istess Aġenzija fejn jidħol il-qasam tal-ikel f'pajjiżna. B'investiment ta' madwar €100,000, fost proġetti oħra li qed isiru, inbidlu s-soqfa tal-pitkalija biex ikun assigurat li l-prodott imwassal frisk kuljum mill-bidwi jitħalla f'post diċenti biex wara jkun jista' jitwassal lill-konsumatur.

B'viżjoni ċara, il-Gvern qed iwettaq miżura wara miżura biex tkompli titjieb il-ħajja tal-ħaddiema u l-poplu Malti u Għawdxi kollu.

*Ritratt - DOI - Clodagh O'Neill*



# L-EWWEL IMPJANT F'MALTA GĦAT-TRATTAMENT TAL-PRODOTTI SEKONDARJI TAL-ANNIMALI

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo ħabbar investiment ġewwa l-biċċerija li ħa jkun qed jammonta għal madwar mitt elf ewro. Dan ħa jkun l-ewwel impjant f'Malta għat-trattament tal-prodotti sekondarji tal-annimali mill-Biċċerija.

L-impjant fil-Biċċerija Pubblika fil-Marsa se jkun strumentali biex jerġgħu jitnedew fis-suq lokali prodotti tradizzjonali Maltin, fosthom il-kirxa.

L-użu ta' dawn il-prodotti sekondarji ntilef fl-aħħar snin, b'mod speċjali meta Malta daħlet fl-Unjoni Ewropea, hekk kif il-metodi ta' proċessar li kienu jintużaw fl-imgħoddi ma baqgħux aċċettabbli, u ħadd ma daħal għall-investiment neċessarju biex prodotti li kienu ilhom jintużaw għal mijiet ta' snin jitmantnew u jiġu vvalorizzati kif sar f'pajjiżi oħra.



Il-Ministru Refalo qal li dan huwa investiment ieħor, imħabbar fil-baġit għal din is-sena, li permezz tiegħu qed ngħinu biex inkabbru l-kompetittività tas-settur agrikolu lokali li kulma jmur qiegħed jesperjenza kompetizzjoni dejjem iktar qawwija minn prodotti importati.

Permezz ta' dawn il-prodotti, b'valur potenzjal ogħla fis-suq, se jiġu megħjuna r-raħħala Maltin u Għawdxin biex isaħħu d-dħul tagħhom u b'mod litterali jdawru dak li sal-lum huwa skart, f'opportunità ġdida ta' qligħ.

Il-parti l-kbira tal-prodotti sekondarji mill-majjal, ċanga, nagħaġ u mogħoż maqtula lokalment jinħarqu fl-Impjant Termali għat-Trattament tal-Iskart li jinsab biswit il-Biċċerija. Is-sena li għaddiet ġew mormija madwar 1,700 tunnellata ta' materjal li parti sewwa minnu jista' jkollu użi differenti. Dan il-materjal jinkludi prodotti sekondarji li jistgħu jintużaw għall-konsum uman, bħall-kirxa jew id-demm. Prodotti sekondarji oħra, fosthom il-qarn ta' xi annimali, jista' jintuża għal skopijiet dekorattivi jew fi snajja' tradizzjonali.

F'mument opportun dawn il-prodotti assoċjati mal-Biċċerija Pubblika, li ilha mwaqqfa fil-Marsa sa mill-1897, se jerġgħu jitpoġġew fis-suq is-sena d-dieħla hekk kif il-Marsa ntgħażlet biex tkun il-Belt Kapitali Maltija tal-Kultura. Il-Biċċerija Pubblika se tkun qed tagħti l-kontribut tagħha biex tkun iċċelebrata l-Marsa bħala l-Belt Kapitali Maltija tal-Kultura bi programm ta' attivitajiet li se jkunu qed jitħabbru iktar 'il quddiem.



*Ritratti - DOI - Kevin Abela*



# IT-TIĠIEĠ

*Kitba ta' George Farrugia*
*Uffiċjal Promozzjonali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Animal Welfare*

It-tiġieġ huwa speċi li jista' jiġi ddomestikat u ġej mill-ispeċi tal-għasafar. Ħafna drabi t-tiġieġ ikun f'pari jew saħansitra jgħix flimkien f'numri kbar. Meta nisimgħu bil-kelma tiġieġ, spiss niftakru f'xi riċetta tajba li tinkludi t-tiġieġa jew xi parti minnha. Nafu wkoll, illi l-laħam tat-tiġieg huwa sors ta' proteina. Madankollu, kemm hawn min jaħseb fl-ambjent li jitrabbew fih jew fit-trattament li jkollhom sakemm ħafna minnhom jaslu għand il-konsumatur?

Minkejja razez u tipi differenti ta' tiġieġ, jeżistu dawk li jkunu mrobbija għall-ikel (broilers), kif ukoll tiġieġ tal-bajd (layers). F'dan l-artiklu ser nitkellmu b'mod partikolari dwar it-tiġieg tal-broilers u l-ambjent li jgħixu fih.



## IL-PRODUZZJONI TAT-TIĠIEĠ U L-AMBJENT LI JGĦIXU FIH

Ħafna mit-tiġieġ li nsibu fis-suq ikun imrobbi b'sistema ta' produzzjoni, li hija sistema b'saħħitha ħafna sabiex tlaħħaq mad-domanda. L-ambjent li jgħixu fih ħafna drabi jkun modifikat minħabba li l-produzzjoni tat-tiġieġ hija bbażata ħafna mill-fatturi tas-sħana u tad-dawl. Intant, biex il-produzzjoni tat-tiġieġ tikber u tlaħħaq mad-domanda, dawn l-aħħar snin saru avvanzi għal mod kif it-tiġieġ ikun mitmugħ, imrobbi u kif tkun amministrata l-produzzjoni tat-tiġieġ.

Illum il-ġurnata jeżisti tiġieġ għall-produzzjoni tal-bajd li jkun imrobbi free range, jiġifieri t-tiġieġ ikollu aċċess għal spazji miftuħa u jgawdi mill-ambjent naturali: xemx, xita u arja naturali. Hemm ukoll tiġieġ illi jitrabba fil-magħluq, f'ambjent ikkontrollat. Madankollu, meta t-tiġieġ jitrabba fil-magħluq, u l-bżonnijiet tal-annimal ma jkunux imħarsa, minkejja li jista' jkun hemm żieda fil-produzzjoni, dan jista' jkun ta' detriment kemm għas-saħħa tal-annimal kif ukoll fuq il-funzjoni tal-annimal innifsu. Tiġieġ li jkun miżmum f'numri kbar u b'nuqqas ta' spazju fejn jgħix, jista' saħansitra jżid sfidi lill-produttur minħabba ċertu mard li faċilment jinxtered. Intant, meta t-tiġieġ jitrabba f'ammonti kbar u fi spazju limitat – u għalhekk jitrabba f'kundizzjonijiet stressanti – jiżdied ir-riskju li jinxtered ċertu mard. Għalhekk, sabiex ikun evitat it-tixrid tal-mard fost it-tiġieġ, kull produttur huwa mħeġġeġ sabiex isegwi l-proċeduri neċessarji, fosthom li jkollu sistema ta' ventilazzjoni effiċjenti; ikollu twieqi bix-xibka biex jevita d-dħul ta' ġrieden u għasafar li jistgħu jikkontaminaw il-post; iżomm l-indafa regolarment; jikkontrolla d-dħul tal-ġrieden ġewwa l-perimetru tar-razzett kollu ħalli – kif għedna – ma jikkontaminawx il-post.

## MALTA – ID-DIRETTORAT TAS-SERVIZZI VETERINARJI

Hawn Malta, kull produttur għandu jkun liċenzjat mad-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji. Intant, f'kull trobbija li ssir, uffiċjali mid-Direttorat iwettqu spezzjonijiet sabiex jaraw illi kull produttur jimxi mar-regoli u l-liġijiet stabbiliti kemm nazzjonali u anke tal-Unjoni Ewropea. Jittieħdu kampjuni mir-razzett għall-kontroll tas-Salmonella, fejn il-kampjuni jkunu analizzati ġewwa l-Laboratorju Nazzjonali Veterinarju. Dan kollu jseħħ sabiex tkun imħarsa s-saħħa pubblika minħabba li t-tiġieġ

*Ritratt ta' Magda Ehlers minn Pexels*

*Ir-ritratt ta' fuq huwa ta' Arthouse Studio minn Pexels*

ikun imrobbi għall-konsum uman.

Meta jkun hemm rapport/i li xi produttur tat-tiġieġ mhux isegwi l-proċeduri kif inhu xieraq, uffiċjali mid-Direttorat tas-Servizzi Veterinarji jmorru fuq ir-razzett sabiex jinvestigaw ir-rapport li jkunu rċevew.

## L-IRZIEZET LOKALI KONFORMI MAL-LIĠIJIET FIS-SEĦĦ

Kull razzett ġewwa Malta huwa konformi mal-liġijiet stabbiliti wara verifika li ssir minn uffiċjali veterinarji, u t-trobbija kollha li ssir ġewwa dawn l-irziezet issir f'konformità mal-liġijiet tal-ħarsien tal-annimali. Dan ifisser li kemm fir-rigward ta' densità (l-ammont ta' tiġieġ imrobbi skont l-ispazju) u anke fir-rigward ta' struttura u makkinarju pprovdut, lokalment għandna rziezet li huma konformi mal-liġijiet eżistenti.

Dan japplika wkoll meta t-tiġieġ jikber u jasal biex ikun ipproċessat. Lokalment, it-tiġieġ kollu mrobbi ġewwa rziezet liċenzjati jiġi pproċessat f'waħda mill-biċċeriji liċenzjati. Dan ifisser li t-tiġieġ jiġi spezzjonat kemm qabel il-qatla minn veterinarju uffiċjali, u anke waqt il-qatla, sabiex ikun żgurat li kollox jimxi skont ir-regolamenti – inkluż li t-tiġieġ kollu jiġi sturdut b'xokk elettriku kkontrollat eżatt qabel jinqatlu u eżatt qabel jibda l-proċess fil-biċċerija.



Ir-ritratt ta' Daisy minn Pexels

## IL-ĦARSIEN U T-TRATTAMENT XIERAQ TAL-ANNIMALI

Kull annimal, inkluż it-tiġieġ, għandu jkun imħares u trattat kif jixraq. Għalhekk, kemm it-tiġieġ li jitrabba bħala annimal domestiku, kif ukoll dak li jitrabba għall-konsum – li ħafna minnu jitrabba f'xi razzett – għandu jkun imrobbi tajjeb u trattat mingħajr ma jsofri ebda tbatija jew moħqrija.

Kapitolu 439 – l-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali jesiġi li ma jkunx hemm moħqrija fuq kwalunkwe annimal. Dan l-att jenfasizza wkoll illi *"l-Istat jipproteġi dawn l-annimali minn kull ħidma mhux xierqa u minn prattiċi ta' xogħol li jmorru lil hinn minn, u ma jaqblux man-natura tagħhom"*.

Minbarra Kap. 439, internazzjonalment jeżistu l-famużi ħames libertajiet tal-annimali:

1. Kull annimal għandu l-libertà għall-aċċessibilità ta' ikel bnin u ilma frisk.
2. Kull annimal għandu l-libertà mit-tbatija u l-mard.
3. Kull annimal għandu l-libertà mill-iskumdità.
4. Kull annimal għandu l-libertà li jesprimi mġiba naturali.
5. Kull annimal għandu l-libertà li ma jkunx imbeżża' u mdejjaq.

L-Unjoni Ewropea tisħaq ħafna dwar it-trattament xieraq tal-annimali. Bħala Istituzzjoni, l-UE kkunsidrata wkoll illi tamministra lid-dinja fil-qasam tal-ħarsien u tat-trattament xieraq tal-annimali.



Rritratt ta' Artem Beliaikin minn Pexels

Il-Kunsill tal-Ewropa jisħaq illi diffikultajiet u nuqqas ta' ħarsien u trattament xieraq fost l-annimali tal-irziezet, fosthom it-tiġieg, huwa minħabba nuqqas ta' infurzar, nuqqas ta' liġijiet kif ukoll nuqqas ta' saħħa fil-liġijiet eżistenti bħalm'hi d-Direttiva tal-Broilers[1]. Dan l-aħħar il-Parlament Ewropew informa lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tipprojbixxi l-moħqrija fuq dawk l-annimali li jkunu mrobbija ġol-gaġeġ. Intant, l-Assemblea tal-Unjoni Ewropea approvat rapport fejn qalet lill-Kummissjoni Ewropea biex jipproponu leġiżlazzjoni sabiex possibilment sal-2027 jitwaqqaf l-użu tal-gaġeġ fl-irziezet fil-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea. Madankollu, il-Kummissarju tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea, Stella Kyriakides saħqet, illi għandu jkun hemm titjib fil-qasam tal-ħarsien u t-trattament xieraq tal-annimali minħabba li din hija kwistjoni etika, soċjali u ekonomika.

Minbarra t-tiġieġ li jitkabbar għall-konsum tal-laħam (broilers), hemm ukoll it-tiġieġ li jipproduċi l-bajd. Dwar it-tiġieġ tal-bajd nitkellmu fl-artiklu li jmiss. Sadanittant, it-tiġieġa għandna nħarsu lejha bħal kull annimal ieħor, jiġifieri li m'għandhiex issofri tbatija bla bżonn.

---

[1] DIRETTIVA TAL-KUNSILL 2007/43/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li tistabbilixxi regoli minimi għall-protezzjoni tat-tiġieġ miżmuma għall-produzzjoni tal-laħam



# IMNIEDI PROGRAMM KULTURALI FIL-BIĊĊERIJA

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, flimkien mal-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali Jose Herrera, nedew programm kulturali fil-Biċċerija Pubblika fl-okkażjoni tal-Marsa bħala Kapitali Maltija tal-Kultura 2022.

Il-Ministru Refalo spjega kif "bħala Ministeru ħassejna li l-għażla tal-Marsa bħala l-Kapitali Maltija tal-Kultura kienet toffri opportunità tad-deheb biex flimkien inkunu nistgħu niċċelebraw il-wirt kulturali uniku li tirrappreżenta l-Biċċerija, u fl-istess ħin ir-rwol partikolari li l-biedja u l-ikel, u b'mod partikolari l-laħam, għandhom fil-kultura tagħna, b'dak kollu li jagħmilna Maltin u Għawdxin."

Huwa spjega li l-programm huwa msejjes fuq tliet pilastri kulturali, li jingħaqdu flimkien fil-Biċċerija Pubblika, jiġifieri l-Wirt Industrijali, il-Wirt agrogastronomiku, u l-lokalità tal-Marsa.



Il-Ministru Herrera faħħar "din il-kollaborazzjoni fejn qed jiġi ċċelebrat il-patrimonju industrijali tagħna tal-ikel. Il-programm interessanti ferm ser jippromovi fost affarijiet oħra l-ikel tradizzjonali Malti fosthom il-kirxa u l-mazzit."

Il-Biċċerija Pubblika nbniet lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Dan jagħmilha unika fost wirt storiku Malti għaliex hija aktarx l-eqdem struttura industrijali li ilha iktar minn 120 sena tintuża għall-istess skop.

"Aħna kburin li mhux biss qed insostnu dan il-wirt kulturali, iżda se nkomplu nivvalorizzawh matul is-sena li ġejja" spjega l-Ministru Refalo waqt li rrefera għall-attivitajiet li ser jiġu organizzati. Dawn jinkludu numru ta' proġetti ta' restawr ta' strutturi storiċi fil-faċilità, l-inklużjoni ta' din f'itinerarju kulturali li jiffoka fuq il-wirt storiku industrijali f'pajjiżna, kif ukoll għadd ta' inizjattivi li jirrikonoxxu l-kultura intanġibbli marbuta mal-post, l-industrija tal-laħam u tradizzjonijiet tal-ikel.

Il-programm se jkun jinkludi, fost l-oħrajn, kif tħabbar iktar kmieni din is-sena, it-tnedija f'Malta ta' żewġ prodotti tradizzjonali Maltin li kienu ntilfu, jiġifieri l-kirxa u l-mazzit. Se jinkludi wkoll numru ta' wirjiet b'rabta ma' wirt kulturali industrijali, djalogu multikulturali bbażat fuq l-ikel, kif ukoll esebizzjonijiet kulturali u attivitajiet ibbażati fuq ikel tradizzjonali, il-laħam u prodotti oħra ta' derivazzjoni agrikola.

Isemmiet ukoll ir-rabta qawwija, spiss minsija, bejn tal-Marsa u s-setturi tal-biedja u s-sajd hekk kif il-lokalità tospita l-Biċċerija Pubblika, il-Pixkerija, kif ukoll numru ta' intrapriżi marbuta mal-produzzjoni agroalimentari. Ir-realtà multikulturali tagħha tul is-snin, inkluż illum, tfisser li din ospitat u għadha tospita rikkezza ta' tradizzjonijiet gastronomiċi differenti.

Il-programm ta' attivitajiet se jkun qed jgħin biex napprezzaw aħjar dawn ir-rabtiet, u fl-istess ħin nibnu fuq ir-rwol tradizzjonali tal-ikel, b'mod partikolari l-laħam, bħala espressjoni kulturali li turi l-karetteristiċi tagħna l-Maltin.

*Ritratti - DOI - Clodagh O'Neill*



# INIZJATTIVA BIEX JINĠABAR L-IRKAPTU MITLUF TAS-SAJJIEDA

Għall-ewwel darba ġiet imnedija inizjattiva sabiex jinġabar l-irkaptu mitluf tas-sajjieda bl-għan li tiffaċilita l-irkupru ta' tagħmir tas-sajd li jintilef fl-ibħra madwar il-gżejjer Maltin. Is-sajjieda normalment jitilfu dan it-tagħmir waqt li jkunu qegħdin jistadu fl-ibħra Maltin minħabba li jinqabdilhom mal-blat jew mal-istrutturi magħmulin mill-umani. It-tagħmir jista' jintilef ukoll minħabba kundizzjonijiet ħżiena tat-temp.

"It-telf ta' rkaptu tas-sajd hija sitwazzjoni rikorrenti għas-sajjieda u li tiġri spiss ma' kważi kull tip ta' tagħmir tas-sajd. L-irkaptu tas-sajd mitluf, apparti li huwa sors sinifikanti għat-tniġġis, huwa wkoll periklu kbir għall-ħajja tal-baħar." Hekk stqarr il-Ministru Anton Refalo.

Tajjeb inkunu nafu li t-tagħmir tas-sajd mitluf isir nassa għall-ħut, kreaturi tal-baħar, u l-għasafar tal-baħar. Barra minn hekk jagħmel ħsara sostanzjali wkoll lill-post li jgħixu fih. Dan il-fenomenu huwa magħruf bħala ghost fishing. Il-ħsara kbira li ssir fuq speċi u popolazzjonijiet tal-baħar għadu mhuwiex magħruf, iżda huwa ċar li l-irkaptu tas-sajd mitluf jikkawża ħsara, għalkemm mhux intenzjonata, lill-fawna tal-baħar u jaffettwa mijiet ta' speċi fl-ekosistemi tal-baħar.

Jekk ma jiġix irkuprat, it-tagħmir tas-sajd jista' jieħu għexieren ta' snin biex jiddekomponi b'mod naturali, u għalhekk jikkostitwixxi periklu kontinwu għall-ħlejjaq tal-baħar. Madankollu, peress li l-ispiża tal-irkupru tal-irkaptu kultant taqbeż l-ispiża tal-irkaptu nnifsu, is-sajjieda m'għandhomx biżżejjed finanzi biex iħallsu għall-irkupru tiegħu.

Il-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali se jkompli jaħdem sabiex joħloq servizz ġdid li jippermetti lis-sajjieda jirkupraw l-irkaptu mitluf tagħhom mingħajr ebda spejjeż żejda. Is-sajjied għandu jirrapporta lid-Dipartiment tas-Sajd, u jindika l-koordinati, u mbagħad, minn hemm, id-Dipartiment jieħu ħsieb javża lill-għaddasa biex jiġbru dan l-irkupru.

Meta jiġi rkuprat jingħata lid-Dipartiment u mbagħad jerġa' jingħata lis-sajjied jew inkella jekk ma jkunx fi stat li jerġa' jintuża jiġi rriċiklat f'impjant tar-riċiklar. Dan is-servizz huwa ffinanzjat esklussivament permezz ta' Fondi Nazzjonali, u huwa xhieda tal-impenn tal-Ministeru biex jiġġieled it-tniġġis tal-baħar. Dan kollu qed isir ukoll biex is-sajjieda Maltin ikomplu jinqdew fil-bżonnijiet tagħhom.



*Ritratti - DOI - Darren Agius*



# PROGRESS STATUS UPDATE TAL-POLITIKA NAZZJONALI GĦALL-AGRIKOLTURA 2018-2028

*Kitba ta': Karl Mintoff*
*Assistent Direttur fid-Direttorat għall-Iżvilupp ta' Politika u Implimentazzjoni tal-Programmi*

Is-settur agrikolu fil-Gżejjer Maltin ġie mfassal mill-ġdid b'mod sinifikanti wara d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u l-bidliet fid-diversi aspetti tiegħu għadhom għaddejjin sal-lum. B'riżultat ta' dan, il-Politika Agrikola Nazzjonali li ġiet ippubblikata tliet snin ilu hija maħsuba biex tmexxi s-settur agrikolu f'direzzjoni aktar sostenibbli billi tipprovdi l-mezzi li bihom is-settur jista' jiżviluppa u jiffjorixxi, filwaqt li jibqa' fil-parametri tal-Politika Agrikola Komuni u regolamenti Ewropej oħra pertinenti. Din il-Politika tfittex li tipprovdi direzzjoni ċara lill-partijiet interessati kollha li jvarjaw minn entitajiet pubbliċi involuti fiċ-ċertifikazzjoni, permessi u teħid ta' deċiżjonijiet, għal entitajiet privati involuti direttament fix-xenarju agrikolu li għandhom il-ħsieb li jinvestu jew jiddiversifikaw in-negozju tagħhom.



Wara proċess wiesa' ta' konsultazzjoni fl-2018, ġew identifikati sitt (6) għanijiet strateġiċi ta' politika li kienu l-bażi għal proċess ta' evalwazzjoni komprensiva u l-iżvilupp ta' miżuri ta' politika għall-perjodu 2018-2028. Dawn l-għanijiet strateġiċi jinkludu 1) Il-preżentazzjoni tal-ikel, it-tikkettar u t-traċċabilità; 2) Konsolidazzjoni tal-azjendi tal-art; 3) Is-sostenn tal-ilma u r-riżorsi ewlenin; 4) Kompetittività u Diversifikazzjoni; 5) Adattament għal u mitigazzjoni tal-kundizzjonijiet ġeoklimatiċi u 6) Riċerka u Żvilupp. Barra minn hekk, dan id-dokument jippreżenta total ta' sebgħin (70) miżura ta' politika organizzati f'erba' (4) settijiet ta' għanijiet operattivi, jiġifieri a) Għanijiet ekonomiċi, b) Riġenerazzjoni soċjali, ċ) Riżorsi u d) Governanza.

Matul l-2021, is-Segretarju Permanenti tal-MAFA inkariga lid-Direttorat għall-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi (PDPID) biex ifassal progress status update fuq kull miżura ta' din il-politika mill-2018 sal-2021. Għal dan l-inkarigu, f'Awwissu 2021, twaqqaf grupp ta' uffiċjali fi ħdan id-Direttorat sabiex jikkordina dan l-eżerċizzju u jiġi mfassal dokument intern li jelenka s-70 miżura u jikkategorizzahom skont is-sidien rispettivi tagħhom u li jirrifletti l-istruttura tal-Ministeru attwali. Dan ġie segwit minn numru ta' laqgħat bilaterali li saru ma' xejn inqas minn 17-il entità/dipartiment ikkonċernat.

Matul dawn il-laqgħat ġew diskussi l-miżuri rispettivi tagħhom u bdew jinġabru l-ewwel aġġornamenti fejn ħarġu aktar kjarifiki għall-konsolidazzjoni tas-sejbiet kollha. Matul din ir-reviżjoni, il-PDPID ikkontribwixxa indirettament għall-allinjament mill-ġdid ta' ċerti

miżuri, speċjalment f'każijiet fejn l-ebda sid tal-miżura ma ġie identifikat b'mod ċar. Matul Ottubru u Novembru, beda jiġi ffinalizzat ir-rapport fuq il-progress li ġie rreġistrat mill-2018 sal-2021 fuq il-Politika Agrikola Nazzjonali, liema rapport ġie ppreżentat lis-Segretarju Permanenti nhar id-9 ta' Diċembru 2021.

Fl-analiżi li l-PDPID għamlet fuq il-progress irreġistrat sal-lum fuq kull miżura, joħorġu numru ta' rakkomandazzjonijiet li l-Ministeru għandu jieħu f'kunsiderazzjoni għas-suċċess ta' din il-Politika Agrikola Nazzjonali fosthom;

1) Li tinżamm sistema ċentrali ta' monitoraġġ dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri tal-Politika Agrikola Nazzjonali (NAP) inġenerali.
2) Tingħata attenzjoni lil dawk il-miżuri fil-Politika li s'issa għadhom ma bdewx jiġu implimentati.
3) L-irwol tal-Kunsill Konsultattiv Agrikolu, kif inhu llum, jeħtieġ li jissaħħaħ. Għal din ir-raġuni, il-PDPID MAFA se jkun qed jaħdem fuq reviżjoni tal-Liġi Sussidjarja S.L. 26/2015 li jistabbilixxi l-Kunsill Konsultattiv Agrikolu (ACC) bħala Miżura Addizzjonali għall-2022.
4) Issir analiżi fuq il-ħiliet tal-bdiewa eżistenti. Dan huwa importanti sabiex jiġu żviluppati l-istandards tax-xogħol, li jwassal biex wieħed ikun jista' jkejjel id-differenza bejn fejn nixtiequ li jkunu l-ħiliet tal-bdiewa tagħna u fejn qegħdin bħalissa.
5) Kontrolli fuq l-irziezet rigward l-użu tal-pestiċidji.
6) L-implimentazzjoni ta' soluzzjoni sostenibbli għat-trattament tad-demel iġġenerat fl-irziezet.
7) Din il-Politika Nazzjonali trid tittieħed fil-kuntest ta' strateġiji Ewropej u pjanijiet ta' azzjoni oħra li ġew ippubblikati riċentement.
8) Aktar kollaborazzjoni bejn il-bdiewa u partijiet oħra fil-katina tal-ikel sabiex anke jiġu aċċessati fondi allokati apposta għal dan it-tip ta' koperazzjoni.
9) It-tfassil ta' politika dwar it-turiżmu rurali jrid jingħata prijorità.
10) Jingħataw importanza l-miżuri li huma relatati mal-ħamrija fi ħdan din il-politika speċjalment wara l-pubblikazzjoni tal-istrateġija dwar is-saħħa tal-ħamrija mill-Kummissjoni Ewropea f'Novembru 2021.
11) Il-produzzjoni organika f'Malta għandha tiġi inkoraġġuta fid-dawl tal-pjan ta' azzjoni għall-produzzjoni organika ppubblikat mill-Kummissjoni Ewropea fl-2021.
12) L-iżvilupp ulterjuri tal-Aġenzija Maltija għall-Ikel għandha tingħata prijorità, b'mod partikulari fuq kontrolli aktar effiċjenti ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni, traċċabilità u frodi tal-ikel.
13) Is-swieq tal-Agrikoltura jeħtieġu titjib infrastrutturali. Dan japplika kemm għas-suq tal-Pitkalija kif ukoll għas-sit tal-bdiewa f'Ta' Qali.
14) Jinħtieġ soluzzjoni fit-tul dwar il-kwistjoni tal-kiri tal-art speċjalment fid-dawl ta' numru ta' kawżi li qed jinfetħu fil-Qorti minn sidien tal-artijiet privati.

Minn dan ir-rapport, jidher biċ-ċar li kien hemm progress irreġistrat f'kull wieħed mis-sitt għanijiet ta' din il-politika. Minn total ta' 70 miżura, 66% (jew 46 miżura) jistgħu jiġu kklassifikati fi **Progress**, 17% (jew 12-il miżura) jistgħu jiġu kklassifikati bħala **Kompluti** filwaqt li 17% (jew 12-il miżura) oħra bħala **Mhux Mibdija**. Meta wieħed iqis li għaddew biss tliet snin mill-perjodu ta' għaxar snin ta' din il-Politika Agrikola Nazzjonali, dawn iċ-ċifri huma inkoraġġanti. Madankollu, fid-dawl li s-settur agrikolu f'Malta qed jaffaċċja problemi u sfidi minn firxa wiesgħa ta' angoli, l-effettività ta' kwalunkwe miżura trid tiġi analizzata bir-reqqa sabiex dawn l-isfidi u problemi jiġu indirizzati.




*Ritratt tal-qoxra tal-Progress Status Report ippreżentat mill-PDPID*




# IL-MONITORAĠĠ U L-BIEDJACAM FL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA AGRIKOLA KOMUNI (PAK)

*Kitba ta' Malcolm Vassallo – Senior Manager, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali, u Anthea Mifsud, Trainee, Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali.*

Matul ix-xogħol għad-dikjarazzjoni ta' assigurazzjoni tal-2020 imħejji mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri, l-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli Rurali (ARPA) intgħażlet għal studju fejn jidħol il-qasam ta' monitoraġġ taħt l-iskema t'għajnuna akkoppjata volontarja għas-settur tat-tadam għall-ipproċessar. B'segwitu ta' dan, fir-rapport maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri fl-2021, pajjiżna ġie msemmi bħala wieħed eżemplari fejn tidħol l-implimentazzjoni ta' dan il-monitoraġġ tant li ġie enfasizzat li tali implimentazzjoni għandha sservi ta' bażi li fuqha jistgħu jiżviluppaw il-proċessi tagħhom ukoll Membri Stati oħrajn li għadhom qegħdin ifasslu s-sistemi tagħhom.

Din is-sistema ta' monitoraġġ titwettaq permezz ta' ritratti satellitarji li jippermettu li jiġi monitorat b'mod remot indiċi ta' veġetazzjoni matul l-istaġun tat-tkabbir, biex b'hekk l-Aġenzija tkun tista' tistabbilixxi l-informazzjoni neċessarja rigward it-tkabbir tal-uċuħ tar-raba'. Dan isir permezz ta' sistema li tipprovdi indiċi li jiġu mqabbla ma' mudell statistiku li jirrappreżenta t-tkabbir tat-tadam fl-istaġun applikabbli. Korrelazzjoni insuffiċjenti bejn iż-żewġ tipi ta' markaturi twassal biex dak il-ħabel tar-raba' partikolari jiġi mmarkat għal aktar verifiki. Għaldaqstant, kontrolli mwettqa permezz ta' dan il-monitoraġġ jipprovdu osservazzjonijiet regolari tal-attività agrikola tal-bdiewa.

Il-proċess ta' verifiki addizzjonali qed jiġi ffaċilitat grazzi għall-mobile app tal-ARPA, 'BiedjaCam' li sservi bħala l-konnessjoni bejn l-Aġenzija u l-bidwi. Din hija app għal fuq l-ismartphones li tkun dejjem mal-bidwi u sservi ta' pjattaforma fejn il-bidwi jista' jipprovdi informazzjoni meħtieġa mill-ARPA bl-ikbar kumdità. Biha wieħed jista' jikkollabora bl-għan ewlieni li titnaqqas il-ħtieġa ta' spezzjonijiet fir-raba', billi l-għodda ta' verifika titħalla f'idejn il-bidwi.

Benefiċċju importanti ieħor għall-bdiewa li jagħmlu użu mill-BiedjaCam huwa li l-bidwi jista' jikkollabora mal-Aġenzija f'ċerti skemi fejn qed jitwettaq proċess ta' monitoraġġ. B'dan il-proċess

l-Agenzija tista' tidentifika ċerti irregolaritajiet fi stadju bikri sabiex jiġu evitati nuqqasijiet ta' konformità fi ħdan il-Politika Agrikola Komuni (PAK). B'hekk il-bidwi jingħata l-opportunità li jirrevedi l-applikazzjoni tiegħu b'mod li dak li għandu ddikjarat jirrifletti dak li verament hemm imħawwel fl-għalqa tiegħu. Għaldaqstant, b'din il-proċedura l-bidwi jkun jista' jiżgura li jevita bil-quddiem dawk in-nuqqasijiet li jistgħu jaffettwaw il-pagament mistħoqq lilu.

Marbut ma' dan kollu, fix-xhur li għaddew l-Aġenzija organizzat numru ta' sessjonijiet ta' taħriġ u informazzjoni għal dawk interessati li jniżżlu l-mobile app tal-ARPA u biex ukoll ikunu jistgħu jaqgħu taħt is-sistema ta' monitoraġġ u jgawdu mill-benefiċċji li ġġib magħha bl-għan ulterjuri li l-użu tas-sistema ta' monitoraġġ titwessa' u tibda titħaddem anke taħt skemi ta' għajnuna oħra fil-Politika Agikola Komuni (PAK) tal-futur.

Għal aktar informazzjoni dwar kif titniżżel u tiġi attivata l-BiedjaCam, kif ukoll kif jitħaddmu l-funzjonalitajiet tagħha, wieħed jista' jaċċessa l-linji gwida dettaljati kif ukoll vidjows informattivi fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija www.arpa.gov.mt. Għal għajnuna rigward l-użu tal-mobile app wieħed jista' jikkuntattja lil Front Office tal-Aġenzija fuq 22926148 jew jibgħat email fuq arpa.mafa@gov.mt.



*Ritratt ta' Artem Beliaikin minn Pexels*




# IT-TNEDIJA TAL-KAMPANJA 'SAJJAR FRISK U LOKALI'

Fil-bidu ta' Diċembru ġiet imnedija l-kampanja 'Sajjar Frisk u Lokali' biex ikun promoss kemm jista' jkun l-użu tal-prodotti li tipprovdilna artna. L-għan ta' din il-kampanja kien li jkun hawn aktar għarfien u jiġu apprezzati u użati dawk il-prodotti li ġejjin mill-bdiewa u r-raħħala Maltin u Għawdxin.

"Ir-responsabbiltà lejn min qed jaħdem u jistinka, anke kontra l-elementi tan-natura, bla waqfien u b'sagrifiċċju kbir, xogħol siewi t'erbgħa u għoxrin siegħa kuljum għandu jiġi apprezzat u rikonoxxut." Hekk qal il-Ministru Anton Refalo waqt it-tnedija ta' din il-kampanja, bi kliem ta' tifħir għaliex minn dejjem emmen fix-xogħol u l-bżulija tar-raħħala u l-bdiewa tagħna.

Din il-kompetizzjoni fakkret kemm hu importanti li nirrispettaw il-prodott lokali, kemm bħala għodda biex il-konsumatur ikun kapaċi jagħmel għażliet aħjar għal saħħtu, kif ukoll għall-palat.

Kull min ħa sehem f'din il-kompetizzjoni importanti kellu jkun responsabbli, filwaqt li jieħu pjaċir jagħżel l-aqwa prodotti lokali u friski.

Min ħa sehem kellu wkoll l-ewwel jagħmel like u jsegwi l-paġna fuq Facebook 'Agrikoltura'. Wara kellu jfittex 'Sajjar Frisk u Lokali' ħalli jsegwi r-regolamenti tal-kompetizzjoni. Flimkien mal-familja jew bħala individwu, il-parteċipant kellu joħloq riċetta bl-użu ta' prodotti friski, staġjonali u lokali u mbagħad itella' r-ritratti jew videos li jkun ħa.

Ir-ritratti jew videos kellhom juru:

(i) il-kontestant waqt li nxtara l-ħaxix, il-frott u/jew il-laħam mis-suq lokali;
(ii) l-ingredjenti li ntużaw waqt it-tisjira;
(iii) il-proċess tat-tisjir;



(iv) il-platt finali.

L-aqwa 10 platti bl-iktar likes intgħażlu u ġew evalwati mill-ġudikaturi. Il-ġudikaturi mbagħad għażlu l-aqwa erba' platti preferuti tagħhom.

Il-kompetizzjoni baqgħet miftuħa sas-7 ta' Jannar 2022, filwaqt li r-rebbieħa tħabbru aktar tard fl-aħħar ta' Jannar.

Il-kompetizzjoni kienet miftuħa għall-parteċipanti minn 10 snin 'il fuq u l-kategoriji tqassmu f'erba' gruppi differenti skont l-età:

L-ewwel grupp
– 10 sa 16-il sena
It-tieni grupp
– 16 sa 35 sena
It-tielet grupp
– 36 sa 60 sena
Ir-raba' grupp
– minn 60 sena 'l fuq

Fil-ħarġa li jmiss niltaqgħu mar-rebbieħa u mal-platti delizzjużi u apetitużi tagħhom li rebbħuhom diversi premjijiet. Narawkom!

*Ritratti - DOI - Kevin Abela*





# IL-KWOTI ĠODDA TAS-SAJD GĦAS-SENA 2022

Waqt laqgħa tal-Kunsill tal-Ministri għall-Agrikoltura fi Brussell, li għalih attenda l-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali Anton Refalo, ġew innegozjati l-kwoti tas-sajd għas-sena 2022, fosthom dawk tat-tonn, tal-pixxispad u tal-gambli.

F'din il-laqgħa ġew approvati l-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-pjan ta' kontinġenza għall-iżgurar tal-provvista tal-ikel kif ukoll għas-sigurtà tal-ikel fi żminijiet ta' kriżi. Dan il-pjan mistenni jinkludi diversi miżuri fosthom kif l-Unjoni Ewropea tista' ttejjeb il-komunikazzjoni, il-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-istati membri fi żminijiet ta' kriżi.

Fil-laqgħa ġew diskussi wkoll il-prattiċi kummerċjali inġusti li hemm fil-katina tal-provvista tal-ikel. Permezz tat-traspożizzjoni ta' din id-direttiva, Malta għandha l-ewwel leġiżlazzjoni ta' dan it-tip bl-għan li ttejjeb il-protezzjoni tal-produtturi żgħar tal-ikel kif ukoll tal-bejjiegħa bl-imnut. Dawn fil-fatt ivarjaw minn numru ta' prattiċi kummerċjali inġusti li jinkludu l-industriji, in-negozji u x-xerrejja minħabba li huma ferm aktar b'saħħithom finanzjarjament.

Mill-ġdid, Malta esprimiet tħassib dwar is-sitwazzjoni diffiċli li jinsab fiha s-settur tal-majjal, fejn ġiet riflessa l-istess pożizzjoni li ngħatat f'kunsilli preċedenti, dik li l-industrija tal-majjal fl-Unjoni Ewropea u f'pajjiżna tinsab f'sitwazzjoni kritika u teħtieġ azzjoni immedjata.

Parti minn din is-sitwazzjoni ġejja miż-żieda kostanti fil-prezz tal-għalf, li qed tikkawża tħassib kbir fost il-produtturi tal-bhejjem. Minħabba f'hekk, Malta appellat u enfasizzat mal-Kummissjoni biex tikkunsidra li toffri għajnuna diretta lir-raħħala tagħna sabiex itaffu mill-ispejjeż żejda li qed jaffaċċjaw.






# AVVENIMENTI ORGANIZZATI MILL-PROĠETT BLUEFASMA

*Miktub minn: Judy Cassar*
*(Uffiċjal Ekonomiku, Fisheries Research Unit, Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura)*

Ir-reġjun tal-Mediterran jeħtieġ b'mod imminenti bidla sinjifikanti fil-mudell ta' kif il-prodotti u s-servizzi marittimi jiġu kkunsmati u proċessati. Fit-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari, l-impenn kontinwu u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati kollha fis-soċjetà huwa essenzjali. BLUEfasma indirizza din il-ħtieġa permezz ta' laboratorji tematiċi, hekk imsejħa l-BLUEfasma Living Labs (BLL). B'kollox ġew stabbiliti 11-il BLL fi 11-il territorju marittimi li kienu mifruxa f'disa' pajjiżi: Ċipru, Franza, il-Kroazja, il-Greċja, il-Montenegro, Malta, l-Italja, Spanja u l-Portugall.

Mill-20 sat-22 ta' Lulju 2021, l-imsieħba ta' BLUEfasma kellhom iċ-ċans li jinġabru flimkien f'Torregrande ġewwa Sardinja fil-laqgħa tal-proġett ospitata mis-sieħba ta' BLUEfasma IMC Foundation. Din il-laqgħa kienet okkażjoni sabiex ikun hemm skambju ta' esperjenzi dwar ir-riżultati miksuba mill-BLUEfasma Living Labs u biex tkompli tappoġġja l-adozzjoni tal-prattiki tal-ekonomija ċirkolari blu. Matul din il-laqgħa tnediet il-fażi ta' kapitalizzazzjoni tal-proġett. Dan l-avveniment immarka l-bidu ta' vjaġġ ġdid li jiffaċilita l-adozzjoni ta' prattiki ta' ekonomija ċirkolari permezz ta' bidla fil-politika u proċessi ta' bini tal-kapaċità fil-prodotti u servizzi marittimi.

Fir-reġjuni tal-Mediterran ser ikunu qegħdin iseħħu l-avvenimenti "BLUEfasma Open Day" bl-għan li jwassal il-messaġġ dwar il-benefiċċji tal-ekonomija ċirkolari blu u jipprovdi għarfien u għodod biex wieħed ikun jista' jikseb dan. S'issa ġew implimentati erba' ġranet tal-Open Day, li ġew organizzati fil-Kroazja, il-Portugall, Sqallija u anke f'Malta, filwaqt li avvenimenti simili huma pjanati li jiġu organizzati ġewwa l-Greċja, Ċipru, Franza, Sardinja, fil-Gżejjer Baleari, Barċellona u l-Montenegro. L-Open Day f'Malta saret fid-19 ta' Novembru 2021, waqt konferenza organizzata mid-Dipartiment tas-Sajd u






l-Akkwakultura, ġiet imnedija l-fażi ta' kapitalizzazzjoni, l-aħħar parti tal-proġett BLUEfasma. Dakinhar kien ġie ċċelebrat il-Jum Dinji tas-Sajd li jaħbat ukoll fil-21 ta' Novembru. Għal dan l-avveniment, il-Ministru fi ħdan il-Ministeru tal-Agrikultura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali tkellem propju dwar l-għan tal-proġett BLUEfasma, li huwa li jsaħħaħ il-kapaċità ta' innovazzjoni fi ħdan intrapriżi żgħar u medji, mas-sajjieda u kif ukoll ġewwa netwerks marittimi fil-Gżejjer Maltin u żoni kostali. B'mod partikolari, dan jgħin sabiex Malta tappoġġja bis-sħiħ it-tkabbir tal-ekonomija ċirkolari blu fis-sajd u l-akkwakultura. L-esperti tal-panel li kienu mistiedna għal din l-Open Day issuġġerew diversi modi kif dawn l-intrapriżi jkunu jistgħu jibdew mexjin għall-ekonomija ċirkolari. Fid-diskors tiegħu waqt il-konferenza l-Ministru Refalo rringrazzja lid-Diretturi u lill-uffiċjali tad-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura tax-xogħol tajjeb kollu li għamlu f'dan il-proġett u diversi proġetti oħra li għandhom l-għan li jissalvagwardjaw il-wirt kostali tagħna u jimminimizzaw skart relatat mas-sajd.

Fl-4 ta' April 2022 sar avveniment ta' kapitalizzazzjoni BLUEfasma f'Barċellona, organizzat mill-imsieħba ta' BLUEfasma MedCities u CMIB. L-għan ta' dan l-avveniment kien li jippreżenta r-rakkomandazzjonijiet tal-politika tal-proġett u l-white paper dwar "Proposing solutions to overcome barriers and support blue circular economy in Mediterranean fishery and aquaculture sectors" lil dawk li jfasslu l-politika lokali, reġjonali u nazzjonali kif ukoll għal SMEs/clusters/networks li joperaw f'dawn is-setturi.

Dan il-proġett huwa kofinanzjat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali permezz tal-Programm Interreg MED 2014-2020, fejn ġew allokati €2.8 miljun, li minnhom Malta bbenefikat mal-€130,000.



**Sit elettrononiku tal-BLUEfasma: bluefasma.interreg-med.eu**
**Il-pjattaforma online BLUEfasma: bluefasma.upatras.gr**
**E-mail: bluefasma@gmail.com**






# L-ISTORJA TA' FONZU

Kitba ta' Alice Anne Steer
*Membru tal-Kumitat tal-Malta Rabbit Club fil-kariga ta' Viċi President*

F'nofs ix-xahar ta' Lulju 2021, għall-ewwel darba, ġew imħabbra l-Malta Animal Honours Awards organizzat mill-Ministeru għall-Agrikoltura, is-Sajd, l-Ikel u d-Drittijiet tal-Annimali u l-Kummissarju għall-Ħarsien tal-Annimali. Din kienet opportunità biex, mhux biss niċċelebraw lill-kreaturi ħbleb taghna u nagħtuhom l-opportunità jibbrillaw, iżda wkoll biex jiġu rikonoxxuti l-persuni involuti fl-aspetti kollha tal-ħolqien ta' għarfien dwar il-ħarsien tal-annimali. Barra minn hekk, kienet opportunità biex jiġu rikonoxxuti wkoll dawk li propja jipprattikawha u jgħixuha ta' kuljum.

L-istorja ta' Fonzu teħodna lura għat-23 ta' Mejju, meta membru tal-kumitat ta' The Malta Rabbit Club, Alice Anne Steer, magħrufa fil-klabb bħala Mama Alice, (minħabba r-rwol tagħha li tieħu ħsieb żrameġ orfni), kienet qiegħda l-Petting Farm fuq ġurnata xogħol volontarjat. Fenek żgħir li kien fil-guva, flimkien ma' fniek oħra, ġibdilha l-attenzjoni, għax indunat li kien qieghed ġo rokna wahdu. Dan il-fenek kien imwarrab mill-kumplament u kien jidher ċar li ż-żarmuġ, ta' ftit granet, ma kienx qiegħed jaġixxi kif mistenni u kien jidher marid.

Ittieħdet id-deċiżjoni li għalkemm kien hemm ommu fl-istess guva flimkien maż-żarmuġ, dan kellu jitneħħa minn postu u jittieħed għall-osservazzjoni, peress li anke l-ħaddiema tal-Petting Farm ikkonfermaw illi l-fenek kien ġie mwarrab mill-omm. Kienu huma stess li ppruvaw bosta drabi jpoġġu liż-żgħir fil-bejta, però kull darba kien jiġi maħruġ mill-omm stess. Mill-informazzjoni li ġbarna, kellu madwar 15-il ġurnata.

Hawnhekk Alice Anne ddiskutiet mal-President, Felix Farrugia, fejn qablu li l-fenek ghandu bzonn l-għajnuna, u kien għalhekk li Alice Anne stess ħadet il-fenek magħha d-dar ħalli jitpoġġa f'ambjent addattat. Minn hemm bdiet triq twila, imma forsi naqra aktar komda. Iż-żarmuġ ingħata l-isem ta' "Baby Faith" peress li Mama Alice kellha fidi kbira li l-fenek seta' jsalva.

Minn hawn, Baby Faith beda jinżamm f'ambjent




addattat għalih. Peress li kien qiegħed ibati minn infezzjoni qawwija tal-ġilda, infezzjoni f'għajnejh u anke infezzjoni fil-pulmun, u kien għadu żgħir wisq għall-kura mediċinali, il-kura li bdiet tingħatalu kienet waħda fejn intużaw żjut naturali u kontenituri fi fwar sabiex jgħinuh jieħu nifs aħjar. Biż-żmien Alice Anne, li għandha esperjenza bi żrameġ żgħar, bdiet tinnota li Faith ma kienx qed jaġixxi normali għall-età tiegħu. Barra minn hekk, kien Felix stess li wera x-xewqa li jarah kuljum sabiex jara jkunx hemm kambjament minn ġurnata għall-oħra. Saħħet il-fenek ma kinitx dejjem tajba. Tant hu hekk li tawh anke aċċessjonijiet u saħansitra ġieli kienu tant qawwijin li wara xi aċċessjoni minn dawn, kien jintelaq għalkollox. Darba minnhom anki ħasbuh miet, għax stira u ma ċċaqlaqx aktar. Alice Anne riedet tkun ċerta li kienet waqfet qalbu qabel tidfnu. Għalhekk geżwritu ġo xugaman żgħir, però wara xi ftit minuti rat ċaqliqa. Fil-pront ħaddnitu magħha u ma ddejqet xejn ittih il-mouth to mouth u bdiet tipprova tħaddimlu qalbu b'subgħajha. Wara ftit tal-ħin, Baby Faith deher aħjar. Almenu reġa' beda jieħu n-nifs.

Waqt vista minnhom, ġie stabbilit li Baby Faith kien ta' sess maskili, u għalhekk ingħata l-isem sabiħ Malti Fonzu. Ġie deċiż ukoll li peress li kien jidher li għad hemm xi infezzjoni fil-pulmun, jittieħed għand wieħed mill-veterinarji tal-klabb, Dr Steven Mercieca. Din il-vista saret sabiex il-veterinarju jinvistah u jistabbilixxi wkoll x'kienu ċerti movimenti li kien jagħmel, u li għall-età tiegħu ma kinux normali. Ġie ffissat appuntament u dakinhar Alice Anne kkonfermat dak li kienet ilha tissuspetta. Fonzu hu żarmuġ speċjali fejn apparti li sofra minn nixfa kbira qabel ma sab postu d-dar, li jaf anke affettwatlu l-moħħ, kien ukoll żarmuġ li jbati minn nuqqas ta' dawl.

Kif ħarġu n-nominazzjonijiet, Alice Anne kienet pronta nnominat lil Baby Faith fil-kategorija "Premju għall-Annimal Domestiku Addottat tas-Sena". Kien madwar tliet ġimgħat wara li biddlet l-isem minn Baby Faith għal Fonzu u saret taf bid-diżabilità tal-fenek. Għalhekk ħasset li għandha terġa' tinnominah għat-tieni darba. Jidher li l-istorja ta' Fonzu misset il-qlub, għax fil-jum tat-Tlieta, 14 ta' Settembru, waqt li kienet qiegħda taqdi dmirha bħala volontiera f'Għawdex, Alice Anne rċeviet telefonata li Fonzu kien wieħed mill-finalisti fil-kategorija tiegħu. Tistgħu biss timmaġinaw il-ferħ tal-volontiera preżenti kif saru jafu b'din l-aħbar.

Waqt il-finali fl-4 t'Ottubru 2021, serata mill-isbaħ organizzata mill-Ministeru tal-Agrikoltura, Sajd, Ikel u Drittijiet tal-Annimali, flimkien mal-Kummissarju tal-Ħarsien tal-Annimali, fost il-mistednin, appuntu preżenti kien hemm Fonzu bħala wieħed mill-finalisti fil-kategorija tiegħu. Fonzu kien dritt dritt u eleganti, liebes ċoff aħdar għall-okkażjoni. Kienu bosta mistednin li ggustawh u awgurawlu r-rebħ. Jidher illi l-istorja tiegħu spikkat fuq bosta oħrajn u Fonzu spiċċa r-rebbieħ bi trofew mill-isbaħ ippreżentat mill-Onorevoli Ministru Anton Refalo. Kienet serata mimlija eċitament, ferħ u dmugħ ta' sodisfazzjon meta tqis dan il-fenek fiċ-ċokon tiegħu minn xiex għadda u fejn wasal.





# JINSTAB F'MALTA IL-VIRUS TAT-TRISTEZA TAĊ-ĊITRU (CTV)

*Miktub minn: Claudia Cutajar, Uffiċjal Agrikolu*
*u Andre Sciberras, Uffiċjal Xjentifiku Anzjan Sezzjoni ta' Monitoraġġ u kontroll*
*Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti*

Is-CTV huwa virus li jattakka siġar taċ-ċitru bħal-larinġ, il-mandolin, il-grapefruit, eċċ. Dan il-virus huwa meqjus bħala virus ta' kwarantina, minħabba li hu qerriedi ħafna. Biżżejjed ngħidu li fi Spanja biss dan il-virus ikkawża l-mewt ta' 15 il-miljun siġra taċ-ċitru. Il-virus tat-Tristaza taċ-Ċitru jattakka l-iktar ċitru li jkun imlaqqam fuq il-larinġ tal-bakkaljaw. Fil-Mediterran dan il-virus jinstab f'diversi pajjiżi bħall-Italja (inkluż Sqallija), it-Tuneżija, Franza, Spanja, u l-Greċja, u b'hekk wieħed jista' jifhem kemm hu faċli li dan il-virus jinfirex faċilment f'pajjiżna.

## IS-SINTOMI TAL-VIRUS

Is-sintomi tal-virus jiddependu fuq:

- il-varjetà tas-siġra infettata;
- l-istrejn tal-virus;
- fuq liema bagħal (rootstock) it-tilqima tkun imlaqqma.

Is-sintomi tal-infezzjoni jidhru l-aktar fuq siġar imlaqqmin fuq larinġ tal-bakkaljaw. Dawn jibdew iwaqqgħu l-weraq u jnixxfu z-zkuk min-naħa ta' fuq tas-siġra u jkomplu sakemm is-siġra tinxef u tmut għalkollox. Dan jista' jieħu bejn ftit ġimgħat (quick decline) jew sa numru ta' snin (slow decline). Dan għaliex l-infezzjoni tikkawża formazzjoni ta' tubi nixfin fl-għeruq u ma jħalluhomx itellgħu ilma u nutrijenti. Jista' jagħti l-każ li siġra taċ-ċitru infettata bis-CTV ma turi l-ebda sintomu. Madanakollu dawn is-siġar xorta jistgħu jxerrdu l-virus lil siġar oħra tal-madwar, li dawn imbagħad juru s-sintomi.

L-infezzjoni tikkawża wkoll xquq fiz-zokk (stem pitting), twaqqaf lis-siġra milli tkompli tikber (stunting), u twassal għal nuqqas kbir fil-produzzjoni tal-frott. Siġar infettati jipproduċu frott żgħir u ta' kwalità fqira. Dawn l-aħħar sintomi jistgħu jiġu kkawżati mhux biss mill-virus tas-CTV iżda anke minn viruses oħra taċ-ċitru – li huma diġà preżenti f'Malta – kif ukoll minn nuqqas ta' nutrijenti fil-ħamrija. Sfortunatament, m'hemm l-ebda kura għal din il-marda jew għas-sintomi tagħha, iżda wieħed jista' jippreveni billi jbixx kontra l-afidi li jġorru din il-marda.

## KIF JIĠI TRAŻMESS IS-CITRUS TRISTEZA VIRUS

Dan il-virus jista' jinfirex b'żewġ modi. L-iżjed mezz ta' trażmissjoni komuni huwa ta' tilqim b'materjal infettat b'dan il-virus. Iżda l-virus jista' jiġi mxerred ukoll permezz ta' erba' speċi ta' afidi li huma: *Toxoptera citricidus*, *Aphis gossypii*, *Aphis spiraecola* u *Toxoptera aurrantii*.

*Toxoptera aurrantii*, *Aphis gossypii*, u *Aphis spiraecola* huma preżenti fil-gżejjer Maltin, filwaqt li *Toxoptera citricidus* (Ing. *Black citrus aphid*) – li hu l-iktar speċi li jxerred din il-marda – mhuwiex preżenti f'Malta.

*Ir-ritratt ta' fuq huwa ta' Tim Mossholder minn Pexels*

## PREKAWZJONIJIET LI QED JITTIEĦDU SABIEX IL-VIRUS MA JINFIRIXX F'MALTA

Sabiex nikkontrollaw milli tinfirex din il-marda fil-gżejjer Maltin, kull sena jsir survey mid-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, kemm għall-virus kif ukoll għall-vetturi (afidi) f'għelieqi, ġonna u mixtliet jew ċentri tal-ġardinaġġ li jbigħu s-siġar madwar Malta u Għawdex. Kull sena d-Direttorat jiġbor madwar 700 kampjun. Il-kampjuni li jinġabru jiġu ttestjati fil-laboratorju permezz tal-Enzyme Linked Immunosorbent Assay (ELISA) jew Polymerase Chain Reaction (PCR).

Dawn it-testijiet huma speċifiċi għal dan il-virus. Sabiex inkunu ċerti li t-testijiet ħadmu sewwa, jintuża kampjun pożittiv (marid) kif ukoll kampjun negattiv (f'saħħtu) bħala kontroll f'kull test.

Dan l-istħarriġ ilu jsir hawn Malta mis-sena 1999. Fir-rigward ta' dan il-virus Malta għandha stat ta' żona protetta fil-qasam fitosanitarju (jiġifieri fis-saħħa tal-pjanti). Dan l-istat jipprojbixxi li jiġi impurtat (kemm minn pajjiżi membri tal-UE kif ukoll pajjiżi terzi) frott taċ-ċitru bil-weraq. Dan iżomm il-mard milli jidħol mal-frott, peress li l-weraq li jkunu preżenti jistgħu jġorru kemm il-virus kif ukoll il-vetturi (afidi).

## MIŻURI U KONTROLL

L-ebda mard tal-virus ma jista' jiġi kkontrollat permezz ta' bexx jew kimiċi oħra. Din il-marda tista' tinqered biss billi s-siġar infettati jinqalgħu u jinħarqu. Meta nafu li f'Malta l-maġġoranza taċ-ċitru huwa mlaqqam fuq il-larinġ tal-bakkaljaw, wieħed jista' jaħseb x'qerda jista' jikkawża dan il-virus jekk ikollu jinfirex f'pajjiżna. Għalhekk, waqt il-monitoraġġ għall-virus u l-vetturi, il-bdiewa jiġu avżati sabiex ibixxu b'insettiċidi speċifiċi kontra dawn l-afidi li jistgħu jġorru l-virus.

Siġar jew tilqim ma jistgħux jiġu importati jekk dawn ma jkunux iċċertifikati li huma ħielsa mill-mard, skont L-Att dwar il-Kwarantina tal-Pjanti, 2001. Metodu ieħor biex jiġi kkontrollat il-mard ta' dan il-virus huwa billi jibda jsir tilqim fuq rootstocks reżistenti/tolleranti għas-CTV bħalma huma l-*Poncirus trifoliata*, *Citrus Volkameriana* u *Carizzo citrange*. Il-frott li jkun ġej minn pajjiżi fejn il-virus hu preżenti ma jridx ikollu weraq jew zkuk miegħu kif ġa msemmi iktar 'il fuq. F'każ ta' sintomi jew suspett, wieħed huwa mitlub jikkuntattja d-Direttorat għall-Ħarsien tal-Pjanti, sabiex jinġabru l-kampjuni neċessarji biex dawn jiġu eżaminati fil-laboratorju.

Minħabba s-sejbiet riċenti ta' dan il-virus f'żona iżolata fl-Imdina, id-Direttorat qed jimplimenta pjan ta' kontinġenza li jinkludi għadd ta' miżuri ġodda;

- Is-siġar taċ-ċitru li nstabu pożittivi għas-CTV f'din iż-żona ġew distrutti u maħruqa kif rekwiżit.
- Ġiet stabbilita żona ta' demarkazzjoni ta' raġġ ta' 500 metru madwar iż-żona infettata.
- Inħarġet notifika għar-residenti tal-madwar sabiex jinfurmaw lid-Direttorat jekk għandhomx siġar taċ-ċitru fir-residenza tagħhom.
- Qed jinġabru kampjuni taċ-ċitru preżenti fiż-żona demarkata biex dawn jiġu ttestjati għall-virus.

L-aħħar fażi ta' dan il-pjan ta' kontinġenza tinkludi l-analiżi ta' dawn il-kampjuni bil-metodi msemmija hawn fuq. Skont ir-riżultati maħruġa mil-laboratorju, jiġi deċiż jekk iż-żona ta' demarkazzjoni stabbilita tiġix konkluża jew estiża.





1. *Brown Citrus Aphid Toxoptera citricida* - l-aktar vettur li jxerred din il-marda iżda mhux preżenti f'pajjiżna
2. Nixfa mgħaġġla (quick decline) fuq siġra tal-larinġ infettata b'dan il-virus
3. Xquq fiz-zokk (stem pitting) fuq siġra taċ-ċitru infettata bis-CTV




# SEA-EU-DOC – OPPORTUNITÀ GĦALL-ISTUDENTI LI QED JAGĦMLU DOTTORAT

*Kitba ta' Matthew Laspina (Manager 1 – Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura)*

Is-settur tas-sajd u l-ambjent tal-baħar huma t-tnejn ferm vulnerabbli u huwa vitali li nrawmu l-ġenerazzjonijiet il-ġodda ta' riċerkaturi biex jistudjaw kemm is-settur tas-sajd, kif ukoll l-elementi bijoloġiċi, kimiċi u fiżiċi tal-ambjent tal-baħar.

Din l-opportunità magħrufa bħala SEA-EU-DOC jew *European University of the Seas*, ser titnieda forma t'Erasmus+, taħt il-kappa tal-Proġett Erasmus+ *Strategic Partnerships for Higher Education* u ser tkun miftuħa għall-istudenti li jixtiequ jkomplu jistudjaw għad-dottorat tagħhom. L-għan ewlieni tas-SEA-EU-DOC huwa li jiftaħ bibien għal min jixtieq jiffoka d-dottorat tiegħu fis-setturi tas-sajd u dak marittimu. Statistiċi ekonomiċi qed juru li wara l-gradwazzjoni ta' studenti bid-dottorat, dawn l-istess studenti jippreferu jidħlu jaħdmu fis-setturi tal-industrija, milli dik akkademika. B'hekk, dan il-proġett ser jgħin lill-istudenti jippreparaw u jibnu l-kapaċitajiet biex ikunu jistgħu jaħdmu kemm fid-dinja akkademika, kif ukoll fid-dinja tal-industrija. Hemm diversi universitajiet li ser jipparteċipaw f'dan il-proġett u dawn jinkludu universitajiet f'Malta, Split, Gdansk, Kiel, Brest u Cadiz.

Fit-22 ta' Novembru 2021, l-Università ta' Malta stiednet entitajiet u dipartimenti tal-gvern li għandhom ġurisdizzjoni marittimu fl-ibħra ta' madwar Malta, biex jippreżentawlhom dan il-proġett, biex jaraw liema entitajiet u dipartimenti huma interessati jieħdu sehem, u biex jifhmu iktar kif dan il-proġett jista' jiġi mtejjeb u applikat hawn Malta.

Din ser ikollha ħafna benefiċċji fejn ħa tgħin lis-setturi tar-riċerka u dak marittimu biex jimxu 'l quddiem. Permezz ta' din l-opportunità, studenti universitarji ser ikunu jistgħu jingħaqdu ma' riċerkaturi madwar l-Ewropa, li jaħdmu f'setturi marittimi bħal dak tas-sajd, tal-arkeoloġija, tat-trasport, tal-ambjent u tat-turiżmu. B'hekk ikunu jistgħu jiksbu kapaċitajiet ġodda, jiġu esposti għall-kulturi differenti u jkunu jistgħu jibnu relazzjonijiet ġodda ma' professjonisti fl-industrija. Dan il-proġett ser jesponi iktar lill-istudenti tad-dottorat fuq l-aspetti soċjo-ekonomiċi, bijoloġiċi, ekoloġiċi u ambjentali ta' dawn is-setturi differenti u kif jistgħu japplikaw metodoloġiji innovattivi u differenti, li jwasslu u jgħinu fl-implimentazzjoni tal-immaniġġjar tas-sajd u setturi marittimi oħra, biex nilħqu bilanċ bejn dawn l-aspetti u nkomplu niżviluppaw u ntejbu ċ-ċiklu ta' sostennibbiltà fl-ibħra tagħna.

L-importanza ta' studenti bid-dottorat fis-settur tas-sajd u dak marittimu huwa ferm essenzjali, peress li jkunu mħarrġin biex japplikaw proċeduri xjentifiċi b'metodi iktar professjonali, u biex jilħqu soluzzjonijiet għall-problemi ta' dawn is-setturi. Għal aktar informazzjoni tistgħu tikkuntattjaw lil Matthew Laspina fuq matthew.laspina.1@gov.mt.


ADOPT ME!
CALL ANIMAL WELFARE ON 22924390 OR 22924379
GOVERNMENT OF MALTA
MINISTRY FOR AGRICULTURE, FISHERIES, FOOD AND ANIMAL RIGHTS



# IL-FRIEFET

*Kitba ta' Neville Sultana, Manager I, Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni*

Il-friefet għandhom rwol importanti biex jippollinaw il-pjanti, il-fjuri u l-ħxejjex li għandna bżonn fid-dinja. Ser tibda tarahom aktar ta' spiss fir-rebbiegħa hekk kif il-ġranet isiru aktar sħan u jibdew jiffjorixxu aktar fjuri.

Il-ħajja ta' farfett twila madwar xahar però l-friefet iżgħar ġeneralment jgħixu madwar ġimgħa. Hemm fatturi differenti li jiddependu fuq kemm se jgħix farfett bħal x'tip ta' farfett huwa, fejn jgħix u f'liema żmien tas-sena l-farfett isir adult. Il-biċċa l-kbira tal-friefet iżgħar mhux se jgħixu daqshekk u l-friefet akbar għandhom it-tendenza li jgħixu aktar, minkejja li dan mhux dejjem il-fatt. Il-klima tgħodd għal kemm se jgħix farfett għax il-friefet huma insetti ta' demmhom biered u meta t-temp jiksaħ, il-friefet se jmutu aktar malajr milli kieku jitwieldu jew jgħixu f'temp sħun. Ħaġa oħra li tiddependi fuq kemm se jgħix farfett huma l-predaturi li jgħixu madwarhom. Farfett għandu ħafna predaturi bħal għasafar u insetti oħra u għalhekk dan il-fatt jista' jagħmel differenza drastika fuq kemm se jgħix farfett fis-selvaġġ.



Id-dudu tal-ħarir qabel ma jsir farfett jiekol biss weraq għax għandu bżonn il-vitamini u l-minerali mill-weraq ta' dawn il-pjanti biex jikber f'farfett. Il-biċċa l-kbira tal-friefet li huma adulti jixorbu n-nektar mill-fjuri li jgħixu fihom. Farfett se juża l-ilsien twil tiegħu bħala straw, imsejjaħ proboscis, u se jixrob in-nektar bi lsienu. Il-proboscis joħroġ minn quddiem tar-ras tal-farfett u meta jkun lest mix-xorb, jirrombla l-proboscis lura bħal coil. Il-proboscide hija twila u tmur fil-fond ġewwa l-fjura sabiex tixrob in-nektar, l-ilma, id-demel jew il-meraq mill-frott. Il-friefet jixorbu wkoll ilma u likwidi mill-frott, speċjalment frott li jkun imħassar u artab. Il-friefet jgħixu biss fuq dieta likwida għax diffiċli għal farfett jiekol ikel solidu bi lsienu. Friefet f'pajjiżi differenti jieklu minn tipi differenti ta' pjanti u fjuri li jipproduċu n-nektar u se jmorru minn pjanta għal pjanta skont is-sustanzi u kwalunkwe tibdil li jiskopru fil-ħamrija. Meta l-farfett jiekol, jeħtieġ li jkollu biżżejjed melħ u minerali sabiex jgħix, itir u jirriproduċi. Huma jagħmlu dan sabiex jikkunsmaw iz-zokkor u l-minerali sabiex ikun jista' jkollhom l-enerġija li jeħtieġu u n-nutrijenti biex jgħixu. Ħafna drabi tara friefet fl-ilma wieqaf jixorbu l-ilma li jkun assorbit minerali mill-ħamrija li hemm taħtha.

Il-friefet jogħġbuhom il-

*Ir-ritratt ta' fuq huwa ta' Pixabay minn Pexels*

fjuri għal ħafna raġunijiet. Iħobbuhom għax jistgħu jinżlu fuqhom meta jivvjaġġaw distanzi twal. Jinżlu wkoll fuq il-fjuri sabiex jieħdu n-nektar mill-fjura u hekk jirkupraw l-enerġija. Anke jekk il-friefet mhumiex pollinaturi kbar u rinomati daqs in-naħal, xorta se jkollhom polline li jeħel ma' saqajhom meta jinżlu fuq il-fjuri u dan jagħmilhom ideali biex jippollinaw fjuri oħra. Il-friefet jistgħu jaraw il-kuluri u jħobbu l-fjuri ħomor għax l-aħmar huwa wieħed mill-kuluri favoriti tagħhom. Kuluri oħra li jħobbu huma l-blu, u l-abjad. Il-friefet huma l-aktar attirati għal fjuri li huma roża, vjola, ħomor, oranġjo, bojod u sofor. Il-fjuri blu jew ħodor ġeneralment jattiraw l-inqas numru ta' friefet. Huma jħobbu wkoll jinżlu fuq fjuri li huma qosra u għandhom tubi dojoq u għandhom irwejjaħ qawwija.

Dan kollu juri kemm l-ambjent u d-dieta ta' farfett huma importanti għas-sopravivenza u l-ħajja tiegħu. Mela meta tara farfett żgħir jittajjar, taqbdux, ħallih jgħix il-ħajja qasira tiegħu u jippollina kemm jista' jkun fjuri, pjanti u siġar din ir-rebbiegħa!

# Kraft: Farfett tal-Farfalle

GĦANDEK BŻONN:

- Għaġin tat-tip farfalle
- Żebgħa
- Pinzell taż-żebgħa
- Pipecleaners

METODU:

L-EWWEL PASS:
Iżbogħ l-għaġin bil-kuluri li tixtieq.

IT-TIENI PASS:
Kebbeb il-pipecleaner madwar il-parti tan-nofs tal-għaġin.

IT-TIELET PASS:
Itwi ż-żewġt itruf biex jidhru qishom antenni.

Tfal, issa li qrajtu dwar il-friefet, tistgħu tidħlu biċ-ċans li tirbħu voucher ta' €20 li jissarraf fi ktieb/kotba ġentilment mogħtija minn Calleja Secondstep. Dan tistgħu tagħmluh billi twieġbu tajjeb għall-mistoqsija li hawn iktar 'l isfel. Din il-kompetizzjoni hi miftuħa għal dawk ta' età sa mhux aktar minn 12-il sena. Ir-rebbieħ jittella' bil-polza minn fost dawk li jkunu bagħtu tweġiba tajba.



## MISTOQSIJA

### X'jiekol id-dudu tal-ħarir qabel ma jsir farfett?

Ibgħat it-tweġiba tiegħek flimkien ma' ismek, kunjomok, id-data tat-twelid, numru tat-telefown u l-indirizz jew permezz ta' email fuq nisgetartna.mafa@gov.mt jew bil-posta – Taqsima tal-Attivitajiet u l-Promozzjoni, Agriculture Reasearch and Innovation Hub, L-Għammieri, Il-Marsa, MRS 3303, sa mhux aktar tard mit-30 ta' April 2022.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni ta' Nisġet artna huwa
**Kieran Calleja Hili**



GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD,
L-IKEL U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

